

Ivan Cauchi



# 110 snin Parroċċa

Din is-sena l-Kalkara qed tiċċelebra l-110 sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Għalhekk sa nagħtu ħarsa ħafifa lejn dan l-avveniment u kif ukoll lejn xi ġrajjiet oħra marbuta mal-ħajja parrokkjali ta' dan ir-raħal.

Sinjali ta' attività f'dawn l-inħawi narawhom fi żmien il-ħakma tal-Kavallieri, meta naraw fil-mapep uffiċjali mmarkat 'fornata di calcine' fil-post fejn illum tinsab id-daħla tal-Kalkara. Dan kien ifisser li f'dan il-post kien hemm Kalkara tal-ġir, li fdalijiet tagħha nstabu eżattament wara l-knisja parrokkjali, u li appuntu għalhekk ir-raġuni li dan ir-raħal iġib dan l-isem. Abitazzjoni dak iż-żmien żgur li kienet remota, minħabba li l-post huwa miftuħ wisq għal xi attakk min-naħa tal-baħar.

Però, meta l-periklu mill-furbani beda jonqos, bdiet tieħu r-ruħ ġemgħa ta' nies li niżlu jgħixu hawn biex ikunu qrib l-għelieqi u l-irziezet tagħhom. Maż-żmien, minħabba l-ġmiel naturali ta' din ix-xaqliba, u ż-żiffa ta' ħdejn il-baħar, xi familji għonja bnew djar ta' villeġġatura mad-dawra tax-xatt fid-daħla prinċipali tal-Kalkara. Maż-żmien dawn saru r-residenza permanenti tagħhom u ta' wliedhom, u nbnew djar oħra li qabdu jifformaw toroq. Dan wassal biex beda jinħass bżonn ta'








servizz pastorali fil-viċin, peress li l-knisja tal-Birgu kienet imbiegħda mhux ħażin.

Permezz tal-ġenerożità tal-benestant Fortunato Gulia li fl-1884 irregala biċċa art fi Strada Rinella, inbdiet it-triq sabiex din ix-xaqliba jkollha knisja li taqdi l-bżonnijiet bażiċi tal-fidili nsara. Kien il-Kanonku Dun Ġużepp Azzopardi li ngħata l-inkarigu mill-Arċisqof Mons. Carmelo Conte Scicluna biex isseħħ dil-ħidma, u x-xogħol inbeda fl-1890, bit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ta' din il-knisja ġdida li mill-ewwel tpoġġiet taħt il-ħarsien ta' San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali.

Hekk kif tlesta x-xogħol l-Arċisqof Mons. Mauro Caruana silet il-Kalkara minn mal-parroċċa matriċi tal-Birgu u għollieha għad-dinjità ta' parroċċa taħt il-Patroċinju ta' San Ġużepp, bid-drittijiet u l-obbligi kollha b'digriet nhar l-10 ta' Diċembru 1897. Il-pussess ta' l-ewwel Kappillan, Dun Ġużepp Ciangura seħħ nhar is-6 ta' Jannar 1898.



Il-knisja l-ġdida kienet diġà mimlija bil-bżonnijiet kollha sa minn meta bdiet tagħti s-servizzi tagħha, però maż-żmien żdiedu bosta opri sbieħ li għanewha

u sebbħuha. Ta' min isemmi l-iskultura bizzilla li kienet tasal sa kull rokna tal-bini, l-altar il-maġġur li kien jispikka fost it-13-il altar bid-disinji u basso riljievi tal-evanġelisti u anġli skolpiti fi rħam fin. Il-pulptu tassew sabiħ, xogħol Ġużeppi Gonzi, li ħadem ukoll il-Ġilandra, l-gallerija tal-orgni u settijiet diversi ta' gandlieri għall-altari.

L-orgni imprezzabbli, u l-kanċell mill-isbaħ ta' l-irħam li kien idawwar il-Presbiterju. Il-pitturi ta' artisti diversi li kienu jsebbħu kull altar, fosthom il-kwadru titulari ta' Calì. L-ewwel vara titulari, xogħol Etienne Puccini u t-tieni vara ta' San Ġużepp, kapulavur ta' Wistin Camilleri, l-isfera tal-fidda u l-Ostensorju imprezzabbli ta' San Ġużepp, u diversi opri oħrajn fosthom vestwarju rrakkmat bid-deheb, linef, tużell, ventaltari u oġġetti oħrajn li llum narawhom





b'tifkira fir-ritratti! Knisja li kienet l-għożża u l-qalb ta' kull Kalkariż.

Bi sfortuna kbira, wara biss 44 sena li nfetħet, fl-10 t'April 1942, din il-knisja rat il-qerda tagħha bil-bombi ta' l-għadu waqt il-gwerra. Beka l-poplu tal-Kalkara u ħass li kien spiċċa kollox.

Però ma kienx hekk!!

Hekk kif għaddiet il-gwerra, bdiet ħidma sħiħa biex tinbena knisja ġdida. Mons. Mikiel Gonzi, li issa kien laħaq Arċisqof ta' Malta, irregala art biex fuqha jinbena x-xogħol. Ħa ħsieb ukoll jaħtar lil Dun Carmelo Xuereb, li kien jaf bil-kapaċità tiegħu, bħala kappillan, u wkoll qabbad perit u disinjatur biex iħejju pjanti tal-knsija. Kien jieħu parir mill-ogħla personalitajiet Ingliżi li tagħhom biex jiġu approvati mill-kummissjoni Pontifiċja ġewwa Ruma.

Ħadmu sħiħ il-Kalkariżi kollha, rġiel ta' kull età, nisa u anke tfal, kulħadd jagħti mill-ftit li jista' biex titwettaq ħolma kbira. Min jonġor, min jiżmarra, tfal iġorru t-terrapien

bil-karretta u nisa jkissru l-ġebel fi żrar. Kollox ippreparat biex l-għada l-bennejja jkomplu jibnu bla xkiel.



U hekk, 5 snin u nofs wara li tqiegħdet l-ewwel ġebla, il-knisja l-ġdida nfetħet fost il-ferħ tal-miġemgħa.

Illum naraw Tempju majestuż li jixraq lil dal-poplu glorjuż tal-Kalkara, li kelli l-ħila jerġa' jibni tempju ieħor, din id-darba akbar u isbaħ! Fih reġa' beda s-servizz pastorali, u wkoll laqa' vara ġdida u artistika ta' San Ġużepp, il-Patrun li dejjem indokra lill-poplu Kalkariż. Mhux ta' b'xejn bi kbir entużjażmu fil-festa ngħajtu:

"Għalxejn il-gwerra qerdet
Tempju tagħna tant sabiħ;
Ieħor isbaħ għamilnielek,
Biex inti tibqa' ssaltan fih!"

F'għeluq il-100 sena mit-twaqqif tal-parroċċa nħiet mant sabiħ u rikk għall-istatwa għażiża ta' San Ġużepp, u llum 10 snin wara se jiżżanżan damask mill-ifjen, 'lampasso', għal madwar it-Titular tal-Patrun tagħna.

Ejjew aħna wkoll ninġabru madwaru fil-festa, aħna l-ulied tiegħu biex inżejnuh bil-preżenza tagħna, biex flimkien nirringrazzjawh u ngħidulu VIVA SAN ĠUŻEPP!

Il-festa t-tajba lil kulħadd.



